# Il-Kwadri Titulari tal-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u Għawdex

## *(It-Tieni Parti)*

minn **Joseph Grech**

***Nota ta' l-Editur:*** *Din hi t-tieni parti ta' dan l-istudju estensiv tas-Sur Joseph Grech. L-ewwel parti konna ppubblikajnieha fil-ħarġa tal-Ktieb ta' Santa Marija 2001.*

## Is-Seklu Dsatax: Medjokri sa Żmien Gagliardi

Mikiel Busuttil jgħaqqad flimkien żewġ sekli għaliex ħajtu kienet maqsuma bejn is-sekli tmintax u dsatax. Hu nissel l-arti f'ibnu Salvu. L-eqdem kwadru titulari tas-seklu dsatax hu ta' Salvu Busuttil (1798-1854), iben Mikiel. Il-ħajja ta' Salvu kienet f'Ruma. Hu, għalhekk, kien f'Ruma meta pitter għal Ta' Kerċem f'Għawdex l-aħjar kwadru tiegħu. Dan il-kapolavur tal-pittur intbagħat f'Għawdex fl-1854: li hi s-sena tal-mewt tiegħu. Għalhekk, dan kien l-aħħar opra tiegħu. Il-kwadru juri lill-Madonna tas-Sokkors b'San Girgor Papa jitlobha fi żmien ta' pesta. Ifakkar ukoll il-purċissjoni votiva li kienet issir mill-Katidral ta' l-Assunta għal Ta' Kerċem.



*Kerċem – Il-Madonna tas-Sokkors.*

Fi żmien Busuttil, Pietru-Pawl Caruana (1794-1852), fl-1828, pitter għal Bormla l-ħolqien ta' Marija bħala Immakulata. L-idea kienet tal-Kanonku Ludovik Mifsud Tommasi. Hi pittura tajba bi ħsieb teoloġiku marbut magħha. Imma Caruana ma rnexxiex biżżejjed fil-għaqda ta' dak li hu uman mad-divin. Il-kwadru, għall-ewwel, ma ngħoġobx. Biż-żmien, beda jiġi apprezzat u anki meqjum. Għalhekk, fl-1905, ġie solennement inkurunat. L-istess Caruana, fl-1850, pitter il-kwadru titulari għal Santa Marija tal-Portu Salvu, il-Belt. Juri fih il-viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabetta. Dan, mill-aspett artistiku, irnexxa iżjed.

F'nofs is-seklu dsatax, niltaqgħu ma' Tommaso Modiona (1803-1864), pittur Senglean medjokri. L-aħjar kwadru tiegħu hu t-titular għall-Kolleġġjata ta' l-Isla, li tlesta fl-1850. Juri fih iċ-ċkejkna Marija fit-twelid tagħha f'idejn Sant'Anna, u mdawra mill-anġli. Illum, il-kwadru qiegħed mas-saqaf ta' l-awla kapitulari għaliex, bħala titular, il-Bażilika għandna l-istatwa ta' Marija Bambina, li ġiet inkurunata fl-1921.

Pittur medjokri iżjed minn Madiona kien Ġużeppi Calleja (1830-1915) li, fl-1859, pitter l-aħjar kwadru

tiegħu li hu t-titular tal-parroċċa ta' Ħal Balzan. Juri fih l-Annunzjata.

Artist li kellu idea għolja ħafna tiegħu nnifsu, imma li qatt ma impressjona lil min studja l-opri tiegħu, hu Antonio Falzon (1805-1865). Hu ħallielna kwadru titulari wieħed li hu dak ta' San Ġiljan li lestieh fl-1857 għal dik il-knisja ta' San Ġiljan li, fl-1891, kellha tiġi ddikjarata parroċċa. Biż-żmien inbniet knisja parrokkjali ġdida, imma l-kwadru ta' Falzon tħalla fil-knisja l-qadima. Mhux ta' valur artistiku għoli.

Il-pitturi Maltin innifishom bdew iħossu li kienu sejrin jibqgħu lura jekk ma jħabbtuhiex mat-Taljani. Il-parroċċi ta' Malta ma kinux qed ifittxuhom meta kien hawn Taljani jaħdmu għal Malta. Imma ġieli kien hawn xi Taljani li wieħed jistagħġeb għalfejn inqdew bihom. Ma għandu l-ebda livell għoli l-kwadru li Michele Cortegiani pitter biex ikun it-titular tal-parroċċa ta' l-Imsida. Juri fih lil San Ġużepp; imma ma jiġbdek assolutament xejn.

Ma kien qatt magħruf fil-qasam artistiku t-tabib Filippo Venuti li, fl-1896, pitter l-Assunta għall-Imqabba, għalkemm dan ġie ġġudikat li hu l-aħjar kwadru tiegħu. Hu kwadru b'taħlita ta' liriċiżmu u trijomfaliżmu. Ġie kkritikat talli lill-Madonna pittirha popolana żżejjed, għalkemm il-kwadru jelevak għall-ħlewwa u għall-ispirazzjoni nisranija li tinħass fih. Venuti pitter ukoll, lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, kwadru ta' Sant'Anna għal Wied il-Għajn. Il-knisja kienet għadha ma saritx parroċċa. Illum, narawh fis-sgristija tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Ħafna lil Venuti xlewh talli kien jikkopja fil-beraħ minn fuq pitturi oħrajn. Hu nieqes għal kollox mill-oriġinalità.

Madankollu, kien hawn xi Taljan li ġibed lejh l-ammirazzjoni u l-istima tal-Maltin. Fl-ewwel post, f'dan iż-żmien, inqiegħdu lil Pietro Gagliardi (1809-1890). Ġieli Gagliardi sab lil min jikkritikah għax il-ħlewwa tal-kuluri rawha esaġerata. Imma hu żgur li l-kwadri tiegħu laqtu ħafna lill-poplu. Kienu tlieta l-parroċċi ta' Malta li fittxewha għall-kwadru titulari tagħhom. Kienu dawk ta' Ħal Tarxien, il-Gudja, u l-Ħamrun. Il-kwadru ta' l-Annunzjata ta' Ħal Tarxien tpitter fl-1874. Dak tal-Gudja, li juri l-Assunzjoni ta' Marija, tlesta f'Ruma fl-1890. F'Ruma wkoll, fl-istudju tiegħu ta' Palazzo Giustiniani, Gagliardi pitter il-kwadru titulari tal-Ħamrun li juri fih lil San Gejtanu qed jilqa' f'idejh il-Bambin minn idejn il-Madonna. Tqiegħed f'postu fl-1892.


Mellieħa –Twelid ta' Marija.

## Bejn is-Sekli Dsatax u Għoxrin: Calì u Pisani

Fi tmiem is-seklu dsatax, Malta wkoll kienet qed tipproduċi artisti ta' kobor liema bħalu. Hawn, il-ħsieb tagħna jmur fuq tnejn li żgur li għandhom jitqiegħdu fl-ewwel post. Dawn huma Ġużè Calì u Lazzaro Pisani. It-tnejn twieldu fis-seklu dsatax, fi tmeiem is-seklu, bdew juru kemm kienet kbira l-ħila tagħhom. Huma pittru xi kwadri titulari fis-seklu dsatax. Lazzaro Pisani (1854-1932), fl-1889, pitter il-kwadru ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi, meta l-knisja kien fadlilha fuq erbgħin sena biex tiġi

ddikjarata parroċċa. Il-kwadru tħalla fil-qadima, anki meta nbniet il-knisja parrokkjali l-ġdida. Ġużè Calì (1846-1930) pitter, fl-1898, il-kwadru ta' San Ġużepp għall-Kalkara, fi żmien meta l-knisja kienet għadha kif ġiet iddikjarata parroċċa. Fl-istess sena, Calì pitter il-kwadru titulari tal-Mellieħa. Hu għall-parroċċa ddedikata għat-Twelid ta' Maija. Imma l-kwadru juri lil Marija, ċkejkna, f'ħoġor ommha Sant'Anna b'maġenbha San Ġwakkin. Hi pittura li trid tfakkar ukoll ir-rebħa tal-Maltin fuq il-Misilmin fl-Assedju l-Kbir. Għalhekk, il-preżenza ta' Kavallier u l-palma li qed jirċievi huma wkoll simbolu tal-Madonna tal-Vittorja, kif aħna mdorrijin insejħulha. Fl-1899, pitter San Ġużepp għall-Qala. Pisani, Żebbuġi li għamel ġieħ lil raħal twelidu, kien diġà mimli b'kummissjonijiet fi tmiem is-seklu dsatax. Kien diġà magħruf sewwa qabel ma Calì beda jgawdi isem tajjeb ħafna. Imma l-aqwa opri tiegħu huma tas-seklu għoxrin. Minn idejn it-tnejn, fl-ewwel parti tas-seklu għoxrin, ħarġu kwadri titulari oħrajn.

## Is-Seklu Għoxrin: B'Emvin Cremona fl-Ewwel Post

Lazzaro Pisani rabat ismu b'mod speċjali man-Nadur. Imma, waqt li pitter 151 biċċa għal dik il-knisja, it-titular mhux tiegħu. Il-knejjes parrokkjali li żżejnu bi kwadri ta' Pisani huma tlieta: tnejn f'Malta u wieħed f'Għawdex. Minn idejh ħareġ, fl-1910, il-kwadru tat-Trinità Qaddisa għall-Marsa li, fi żmien qasir saret parroċċa. Għall-Għasri f'Għawdex, fl-1917, ftit qabel l-erezzjoni tal-parroċċa, hu pitter il-kwadru titulari li juri fih l-Aħħar Ċena. Imbagħad, fl-1920, Pisani lesta għall-Imġarr f'Malta l-kwadru titulari ta' l-Assunta. Pisani ma sarx popolari daqs Calì għax kien bniedem riservat ħafna għalkemm ġentili; kien iddedikat kompletament għall-familja u ma kienx jieħu sehem f'attivitajiet kulturali.

Ġużè Calì, għalkemm ta' nisel Taljan, kien Malti mill-Belt. Mis-621 opra tiegħu, rajna li tliet kwadri titulari kienu fis-seklu dsatax. Imma fis-seklu għoxrin, hu ġie kummissjonat b'ħames kwadri titulari: tlieta f'Malta u tnejn f'Għawdex. Għal Ħal Għargħur, fl-1902, hu pitter il-kwadru li juri l-martirju ta' l-appostlu San Bartilmew. Għal San Pawl il-Baħar, fl-1904, ftit qabel ma kien hemm l-erezzjoni ta' parroċċa li ġiet fdata f'idejn il-Franġiskani Konventwali, hu pitter il-kwadru tad-Duluri: fejn naraw lil Marija mnikkta taħt is-salib ta' Kristu; għall-knisja hu pitter il-kwadri l-oħrajn kollha. Fl-istess sena 1904, Calì lesta l-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù għall-Fontana f'Għawdex meta d-dikjarazzjoni tal-parroċċa kienet waslet biex toħroġ. Lejn l-istess żmien, hu pitter il-kwadru ta' San Lawrenz għall-parroċċa ta' San Lawrenz ta' Għawdex. L-aħħar kwadru titulari ta' Calì hu dak ta' l-ASsunta li, fl-1917, hu pittru għall-Qrendi. Imma l-kwadri titulari ma humiex fost l-aqwa opri ta' dan il-pittur kbir. Insemmu każ wieħed biss li fih Calì ried juri l-qawwa u l-kobor tiegħu. Dan hu l-akbar kwadru li hu qatt pitter. Hu dak li juri fih il-glorja ta' San Franġisk, u li narawh mas-saqaf tal-knisja ta' San Franġisk tal-Belt. F'dan il-każ, hu ried juri kemm kien superjuri għal Attilio Palombi, li kien tqiegħed f'kompetizzjoni miegħu. Drabi oħrajn, hu ma aċċettax li jdaħħluh f'kompetizzjoni. Ġara hekk fin-Nadur ta' Għawdex, meta Calì wera li ma riedx jitqiegħed f'kompetizzjoni ma' Lazzaro Pisani u Ġanni Vella, u għalhekk ma aċċettax il-kummissjoni li tawh.

Pitturi oħrajn, fi ftuħ is-seklu għoxrin, kien hemm; imma huma ta' livell iżjed ċkejken. Fl-ewwel post jitqiegħed il-Bormliż Ġanni Vella (1885-1977). Meta tqiegħed f'kompetizzjoni ma' xi ieħor, aktar li l-għażla ma kinitx taqa' fuqu. Fin-Nadur, għall-kummissjoni importanti tal-knisja kollha kemm hi, il-preferenza ġiet mogħtija lil Lazzaro Pisani, u kienet deċiżjoni għaqlija. Madankollu, Vella ħa sehem f'ħafna esibizzjonijiet ta' pittura. Imma ma pittirx ħlief kwadru titulari wieħed. Hu dak tal-Madonna tal-Karmnu għall-Gżira.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, fl-1910, Virgilio Monti, Taljan, pitter l-Assunta għal Ħad-Dingli. Lejn l-1915, il-Markiż Ġużeppi Apap Testaferrata pitter minn fuq santa l-Madonna ta' Pompej


Burmarrad – Qalb bla tebgħa ta' Marija.

għal Marsaxlokk. Hu kwadru li artistikament ma jiswa xejn. Soru Franġiskana f'Ruma, fl-1936, pittret il-kwadru titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor għall-parroċċa tal-Franġiskani Minuri f'Tas-Sliema. Naraw il-Madonna fuq tron ta' glorja mserraħ fuq is-sħab. Il-Bambin wieqaf f'ħoġor il-Madonna qed ibierek lil Tas-Sliema.

Kien hawn oħrajn li, għalkemm ma tantx huma magħrufin, pittru xi kwadru titulari. Mhux ta' min iwarrab lil Ġużeppi Briffa (1901-1987) minn Birkirkara li pitter ħafna, imma ma ġiex kummissjonat ħlief bi kwadru titulari wieħed. Dan hu l-kwadru tal-Madonna ta' Lourdes li, fl-1959, hu pittru għall-parroċċa tal-Kapuċċini f'San Ġwann. Niltaqgħu wkoll ma' Oscar Testa (1909-1979) mill-Belt, li hu wisq iżjed magħruf fl-Italja milli għall-kwadru titulari ċkejken li pitter għall-parroċċa dumnikana tan-Nazzarenu f'Tas-Sliema. Hu kwadru li jitqiegħed f'kappella. L-aqwa opri ta' Testa huma barra minn Malta, u l-isem tiegħu hu iżjed bħala restawratur.

Aċċidentalment, Esprit Barthet, imwieled il-Belt fl-1919, jidħol fost il-pitturi ta' kwadru titulari ċkejken. Hu l-kwadru ta' San Piju X f'Santa Luċija. Imma dak hu kwadru li kien sar għal familja privata. Pittur dilettant mhux magħruf bl-isem ta' Robert Caruana ħallielna, fl-1927, il-kwadru għall-parroċċa tal-Munxar ta' Għawdex, li juri l-miġja ta' San Pawl fostna. Dilettant ieħor, Antonio Caruana, mill-Belt, pitter fl-1946 il-Madonna tal-Karmnu ta' Fleur-de-Lis.

Insemmu l-aħħar erba' kwadri titulari li jintrabtu iżjed mill-oħrajn maż-żmien tagħna. Huwa tassew oriġinali, aktar milli fl-istil, fil-mod kif tqiegħdu fi knijsa. L-ewwel fosthom hu dak tat-Taljan Eliodoro Coccoli. Għall-parroċċa ta' San Girgor f'Tas-Sliema, l-artist pitter lil San Girgor b'aktar minn figura waħda. Hu juri r-rabta tal-Papa qaddis ma' l-Ordni Benedittin u mal-konversjoni ta' l-Ingilterra. Hi pittura ta' qrib it-Tieni Gwerra Dinjija b'idea mogħtija mill-Isqof ta' Malta Mons. Mawru Caruana.

Emvin Cremona (1919-1987), l-aqwa pittur ta' l-aħħar żmien, kemm-il darba rrappreżenta lil Malta. Id-disinji tiegħu għollew il-ġieħ anki tal-bolli postali ta' Malta. Kwadru titulari tiegħu hu dak li pitter, fl-1971, għal Burmarraad, knisja tal-Franġiskani Konventwali li għaxar snin wara kienet sejra ssir parroċċa. Fi knijsa ddedikata għall-Qalb ta' Marija, il-kwadru juri, mhux biss lill-Madonna, imma wkoll lil San Luqa, San Franġisk, u San Massimiljan Kolbe; fuq il-livell ta' isfel, tidher ukoll il-wita ta' Burmarrad u San Pawl Milqi. Kwadru titulari ieħor ta' Cremona hu ta' parroċċa ġdida: dik tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid, li tlesta fl-1969. Fi knisja ta' għamla moderna, il-pittura tirrappreżenta l-ħniena ta' Alla li taslilna permezz ta' Marija, li hi liebsa kif dehret f'Lourdes. Ta' l-istess żmien hu l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fgura. Hu l-kwadru titulari waħdieni ta' Rafel Bonnici Calì (imwieled fl-1907).

L-aħħar pittur li se nsemmu hu Pawlu Camilleri Cauchi, li twieled fir-Rabat ta' Għawdex fl-1940, u hu iben statwarju magħruf li hu Wistinu Camilleri. Knejjes, każini, u swali ntlew

b'opri ta' pittura li saru minnu. Kwadri titulari għandu tnejn: wieħed f'Malta u ieħor f'Għawdex. Dak ta'Malta saf fl-1968 għall-parroċċa Marija Reġina, il-Marsa. Il-kwadru qiegħed fis-sagristija għaliex fiċ-ċentru, wara l-altar, hemm biss is-salib. Tolqotna iżjed il-pittura tax-Xewkija, li saret bejn 1997 u 1998. Hi bi partijiet għax lil Kristu narawh bejn żewġ Ġwannijiet: il-Battista u l-Evanġelista, li taw xhieda għalih. L-Evanġelista għandu miegħu lill-Verġni Marija. Imma hu ta' min jiftakar li, fix-Xewkija kien hemm kwadri titulari oħrajn ta' San Ġwann fil-parroċċa l-qadima. L-ewwel wieħed kien tpitter minn Mattia Preti fl-1680, meta l-knisja ma kinitx parrokkjali. Sena biss wara, tneħħa, u sar ieħor minn Gioacchino Loretta, skular ta' Preti.

## Xi Ideat għal Titulari tal-Lum

Illum, donna qed noqorbu biex nibdew ngħidu li l-kwadri titulari għadda żmienhom. Hawn parroċċi li, flok kwadri, għandhom statwa: bħalma huma Kristu Re f'Raħal Ġdid, San Pietru f'Birżebbuġa, il-Madonna ta'Fatima fi Gwardamanga, u Santu Wistin il-Belt. Hawn min, minflok pittura, għandu mużajk li hu kopja fuq pittura ta' artist magħruf, bħalma naraw l-Immakulata Kunċizzjoni tal-parroċċa tal-Ħamrun, li hu kopja fuq dik ta' Murillo. Hawn min għandu pittura magħmula bi ħġieġ kulurit (*stained glass*) bħalma naraw fil-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, il-Balluta. Fiċ-ċentru naraw lill-Madonna bil-Bambin u l-Labtu f'idejhom. Ġieli nsibu xi Kurċifiss biss bħalma naraw fil-parroċċa ta' San Ġwann tas-Salib tat-Tereżjani f'Ta' Xbiex. Hawn ukoll xi knisja parrokkjali li ma għandha xejn bħalma hi dik ta' San Ġużepp tal-Manikata.

Meħud mill-ktieb "Il-Kwadri Titulari tal-Parroċċi ta' Malta u Għawdex" miktub minn Fr. Alexander Bonnici u Joseph Grech.




**Wrought Iron Works**
**Steel Railings & Banisters**
**Security Grilles**
**Steel Doors & Gates**
**Fencing**

*For free advice & estimates call:*

**INTERSTEEL**

**B2, Bulebel Industrial Estate, Żejtun ZTN 08**
**Tel: 693175/6 - Mob: 099 0003**
**Fax: 693512**